**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 32**

**Il-Ħamis 23 ta' Settembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **32.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| **32.1.1** | Xejn |
| **32.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| **32.2.1** | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 31 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| **32.2.2** | Is-Sin. Elenia Desira ppproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 31 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **32.2.3** | **Kumment.** Is-Sa Janice Chetcuti ikkumentat fuq minuta 31.2.2 fejn enfasiżżat dwar it-trakk li jiġbor l-iskart nhar ta' Ħadd wara il-Monti, fejn iħalli riħa tinten u nsapportabbli tant li nies li jkunu qedin bilqeda ħdejn ristoranti ikollhom jitilqu. Is-Sindku qal li ser jerġa jġbed l-attenzjoni fir-rigward. |
| **32.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| **32.3.1** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-20 t`Awwissu 2021 Is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa ma Joe Attard tal-Green MT fejn ġie diskuss il-kuntratt tal-ġbir tal-borża l-griża. |
| **32.3.2** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-24 t`Awwissu 2021 Is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mall-Perit Noel Gauci minn Infrastructure Malta fejn ġie diskuss ix-xogħlijiet fi Triq iċ-Ċippi u Triq il-Kajjik. |
| **32.3.3** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-25t`Awwissu 2021, Is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat attendew għal żjara li għamel il-Ministru Ian Borg fil-Proġett tal-Magħluq u wara kellhom laqgħa oħra mal-Perit Janice Borg minn Infrastructure Malta rigward il-progress tal-proġett tal-Magħluq u d-dgħajjes. Din kienet laqgħa ta' malajr. |
| **32.3.4** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-30 t`Awwissu 2021 Is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-kuntrattur tad-dawl rigward it-tiżjin tad-dawl tal-Milied. Is-Sindku semma li kien hemm xi sidien li gergru li tneħħewlhom l-affarijiet , pero fakkar li dawn kienu infurmati. |
| **32.3.5** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-14 ta` Settembru 2021 Is-Sindku flimkien mal-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-Perit Robert Zerafa tal-Infrastructure Malta fejn gew diskussi ir-roundabouts u central strips Tas-Silġ, Triq B.B.Longo, Daħlet Ġużeppi Stagno, Wesgħat Dun Ġużepp Caruana u l-kappella tas-Silġ. |
| **32.3.6** | **Mixja Tal-President.** Is-Sindku qal li il-kunsill ser jieħdu ħsieb bħala kunsill u ser jittelgħu id-dettalji fuq il paġna ta Facebook. Elenia u Jaice staqsew kif ser ikun l-andament u aċċettaw li jieħdu ħsieb huma. Dettalji ser jgħaddihomlhom. |

| | |
|---|---|
| | |
| **32.3.7** | **Skart Riċiklabbli.** Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rċievew ittra min GreenMT. Huwa li spjega il-kontenut, dwar materjal kontaminat u ħlasijiet zejda li ġiet iċċarġjata mill-wasteserv. Din kienet ittra t'informazzjoni ser jaddi kopja lill-kunsilliera. |
| **32.3.8** | **Bus Stop Triq it-Trunċiiera.** Is-Sindku informa li din il Bust Stop ser issir skond il-pjanta ta' Transport Malta u intalab biex jidħol ftit il-ġewwa. |
| **32.3.9** | **Ftehim Marsaxlokk FC.** Is-Sindku fakkar li kienet saret laqgħa fejn kienu attendew biss 3 mill-Kunsilliera u li ġie diskuss li jsir il-ġnien u l-carpark. Fakkar li kellhom jiddiskutu man nies. Is-Sa. Janice Chetcuti kkumentat li l-Ministru kien kiteb li l-public consultation kienet saret through il petizzjoni u li mxew skond il-liġi. Hi fakkret ukoll li kellhom issiru xi emendi, u dawn jidher li ma sarux. Ġie iċċarat ukoll li l-Kunsill m'ghandux il-fakkulta fuq il-proġett, imma jirreġistra l-interess tiegħu f'dan il-proġett u l-madwar.<br><br>Issemew dawn il-Ħames punti, ġew diskussi u Ittiehed Vot bejn dawk preżenti. Kien hemm qbil unanimu sabiex dawn il-punti jiġu proposti.<br><br>*Il-Punti huma dawn*:<br><br>1. Il-ġnien jinbena għas-spejjez tal-klabb ta' Marsaxlokk FC u li l-management tiegħu ser ikun imexxi mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk.<br><br>2. Minħabba t-twettiq tal-progett, l-parkeġġ mitluf ser jigi ikkompensat minn spazji ta' parkegg ġdid min-naħa tal-klabb ta' Marsaxlokk FC.<br><br>3. Il-Pump room u l-ġibjun ikun aċċessibli għall-Kunsill Lokali ta Marsaxlokk.<br><br>4. Il-ġibjun jintuża minn żewg partijiet – kemm mill-Klabb ta' Marsaxlokk FC u kemm ukoll mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. Jekk ikun il-kaz li l-ħażna tal-ilma tispicca, spiza biex dan jimtela' għall-bżonn li jinqala' għandha tiġi diviza f'ammonti ugwali miż-żewg partijiet, cioe' il-Kunsill Lokali u l-Klabb tal-futbol.<br><br>5. Il-Kunsill Lokali jagħti l-permess li jidhlu *coaches* jew *mini vans* mill-istess rampa tal-parkeġġ sakemm dawn ikunu reġistrati minn qabel mal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali jħalli tlett (3) spazji ta' parkeġġ li jkunu għad-dispozizzjoni tal-Klabb. Dawn għandhom ikunu fl-aktar post qrib tal-Klabb. Il-bqija, cioe' il-ħdax l-oħra li kienu ġew diskussi, jridu jsiru fil-parkeġġ l-ieħor biswit id-dar tal-anzjani. |
| **32.3.10** | **Skema LESA**. Is-Sindku informa li reġgħet ħarġet l-iskema u inqabel li ser tiżdied camera f'punt partikolari minħabba inċidenti u skart. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti. |
| **32.3.11** | **Turist Information office temporanja.** Is-sindku informa li ser isir ufficju temporanju bejn il-kunvent tas-sorijiet u l-għassa. |

| | |
|---|---|
| 32.3.12 | **Tabelli M'Xlokk, B'Bugia (Bir id-Deheb).** Is-Sindku wera il poles li ser jitwahhlu magħhom it-tabelli |
| 32.3.13 | **Fondi mill-Ewropa**. Is-Sindku informa li Konsulent kompetenti avviċinaħ u kelmu rigward għajnuna sabiex isiru applikazzjonijiet għall-fondi tal-Europa. Dan biex japplikaw sabiex isiru panelli fuq il binja tal kunsill. Sar qbil unanimu bejn dawnk preżenti li jiġi imqabbad. |
| 32.3.14 | **Pjanti Infrastructure Malta.** Is-Sindku ippreżenta il-pjanti ir-roundabouts u central strips Tas-Silġ, Triq B.B.Longo, Daħlet Ġużeppi Stagno, Wesgħat Dun Ġużepp Caruana u l-kappella tas-Silġ. Round about Tas-silġ u dik viċin il-Power station sar qbil li ssir skond il-pjanta . It-tlett Centre strips ser jingħata ċans lil kunsilliera biex jaħsbu fuqha u jgħaddu il-feedback tagħhom fejn jiġu mgħoddija lil perit. |
| 32.3.15 | **Skema tal-Wardens tal-Annimali.** Il-Kunsill applika biex ikollu żewġ persuni għall dan l-irwol. Is-Sa.Janice Chetcuti staqsiet x'irwol ser ikollom dawn iż-żewġ persuni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn ser ikunu bħall '*Community police*' ,iduru mal-Lokalita biex jedukawu, jieħdu ħsieb f'kas ta abbuż etc. Dawn ser ikunu ukoll taħt ir-resposabbita' tal kunsillier li għandu id-dekasteru tal-annial welfare. |
| 32.3.16 | **Monti ta' matul il-Ġimgħa**. Is-sindku spjega li tal ħwienet jixtiequ jarmaw ħdejn il baħar. Is-Sa Janice għaddiet lil Daniel pjanta u ittra li kien għadda il-kunsill fl-4 ta' April 2011. Daniel tenna li ħadd m'għandu permess li jpoġġi mejda jew siġġu ħdejn il-baħar. Is-sindku propona li peress li hemm il-Master Plan u l-interess tal kunsill li jmexxi fuqu jgħati lok sabiex issir laqgħa u jiddiskutu b'hekk ma jkun inqabes ħadd. Stephen flimkien ma Janice proponew li jkun hemm żewġ rapreżentant min kull entita' li jattendu din il laqgħa ta diskussjoni. Qabel din il-Laqgħa is-Sindku propona li ssir laqgħa mal perit sabiex jippreparaw. |
| 32.3.17 | **Monti tal Ħadd.** Is-Sindku tkellem rigward il-bejjijgħa tal-ħut. Janice staqsiet Għaliex il kunsill qed jitlob li dawn jiċċaqalqu. Is-Sindku spjega li qed jipproponi li jimxu għaliex qed tiġi mħejjieja sistema li jkun hemm l-indafa permezz ta' gutters ilma u skips taħt l-art. B'hekk jiġi regolarizzat l-abbuż preżenti. Janice staqsiet għaliex mela dawn ma jridux jiċċaqalqu? Stephen qal li l-bejjiegħa tal-ħut minn dejjem kienu hemm. Janice tenniet li din mhiex raġuni valida u b'saħħita u kien ħtieġ li jsaħħu l-argument. Daniel qal li meta tosserva kif inhu armat illum il-Fish Market hemm bosta nuqqasijiet fosthom dik t'iġene. Hu konvit jekk jinżlu l-isfel dawn ser ikunu servuti u jservu aħjar. |
| 32.3.18 | **Laqgħa mal-ERA- Proġett tal-Ġnien ħdejn il-Parking tal-football ground**. Ser issir rampa sabiex takkomoda pedestrians, kif ukoll picnic bench bins u dawl. Proġett li wasal fil final biex jiġi finaliżżat. Rigward il Bus Stop sar qbil li għalissa jibqa. |
| 32.4 | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 32.4.1 | Mistoqsijiet saru waqt punti diskussi |
| 32.5 | **Council Employees- Accumulation of leave 2021-2022** |

| | |
|---|---|
| 32.5.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, qal li ser jgħatti il-faċilita li l-Ħaddiema tal-Kunsill iressqu b'massimu tal-108 hrs ġranet ta leave mis-sena 2021 għas-sena 2022. Sar qbil unnanimu. |
| **32.6** | **Wasteserve - Diskussjoni** |
| **32.6.1** | Ġiet diskussa waqt il-Kommunikazzjoni tas-sindku. |
| **32.7** | **Devoluzzjoni Binja tal-Kunsill - Parkeġġ diskussjoni** |
| **32.7.1** | Devoluzzjoni tal-Binja tal-Kunsill ġiet approvata u issa ser jibda il-proċess ta' applikazzjoni ġdida sabiex il-Car Park jiġi devolut f'idejn il kunsill bl-istess mod. Sar qbil unanimu bejn dawk preżenti sabiex imexxu. |
| **32.8** | **Planning Authority** |
| **32.8.1** | Xejn |
| **32.8.2** | Daniel innuta li xi kultant ma jkunux mgħarfa b'ċertu żvilupp u m'nalla li kien hemm oġġezzjoni mill-Planning Authority. Għalhekk talab li tintbgħat ittra *for future reference*. |
| **32.9** | **Kunsiderazzjoni U approvazzjoni tal Iskedi tal-Pagamenti** |
| **32.9.1** | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana |
| **32.10** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **32.10.1** | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18.48, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 t'Ottubru 2021, fl-16:30. |

Konfermati, illum 11 t'Ottubru 2021

IFFIRMATA

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

IFFIRMATA

________________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*